## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 205/2023: **CARMEL DIMECH (KI. 590856M) V. ALFRED ZAMMIT (KI. 12589M)**

(SOPRASESSJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**4 ta' Marzu 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Carmel Dimech ("ir-rikorrent") ippreżentat fil-21 ta' Awwissu 2023[1] li permezz tiegħu talab lil Alfred Zammit ("l-intimat") sabiex jidher quddiem din il-Qorti fid-data appuntata għas-smiegħ biex iwieġeb għat-talba tiegħu u ċioe sabiex jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat li jħallas:

> **'... lill-attur is-somma ta' EUR 5,461.80 rapprezentanti l-bilanc dovut minnek ghall-materjal supplit u servizzi rezi favur u accettati minnek inkluz hazna ta' merkanzija u uzu ta' makkinajru kif spjegat ahjar fl-ittra ufficjali 2197/2023 (kopja annessa Dok C1 bid-dokumenti A1 u A2 annessi maghha), bl-ispejjez komprizi dawk tal-istess ittra ufficjali, u bl-imghaxijiet kummercjali legali mid-data tal-ittra ufficjali Dok C1 u/jew data verjuri sal-pagament effettiv kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni. U b'rizerva ghal kwalunkwe ammonti ohra u drittijiet u pretenzjonijiet ohra tal-atturi kontra l-konvenut.'**

wara li rat ir-risposta tal-intimat ippreżentata fid-29 ta' Settembru 2023[2] li permezz tagħha wieġeb kif ġej:

---

[1] Fol 1-4
[2] Fol 12-13

1. Illi preliminarjament, l-esponenti jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li ġiet istitwita kawża mill-esponenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ppreżentata qabel din il-kawża fit-28 ta' Lulju 2023, fl-ismijiet "Alfred Zammit vs Carmelo Dimech et" Rikors Ġurament numru 833/2023, appuntanta quddiem l-Onorabbli Imħallef Giovanni Grixti għat-23 ta' Novembru 2023 fejn huwa qed jitlob li l-intimati jiġu kkundannti li jħallsu l-bilanċ ta' prezz ta' lift u l-intallazzjoni tiegħu.

Illi l-kawża hawn fuq imsemmija hija marbuta sew ma' din il-kawża hekk kif jirriżulta kemm mill-avviż odjern kif ukoll mill-ittra uffiċjali ppreżentata mir-rikorrenti fit-18 ta' Lulju 2023 u annessa mal-istess avviż..

Illi r-rikorrenti, f'din il-kawża, qiegħed jibbaża l-allegat bilanċ dovut lilu mill-esponenti proprjament fuq is-somma li huwa qed jgħid li huwa dovut lill-esponenti u dak li huwa qed jgħid li l-esponenti għandu jagħti lir-rikorrenti.

Illi l-esponenti ma jaqbel xejn ma' dak li r-rikorrenti qed jgħid kif wasal għal dan il-bilanċ dovut lilu, infatti, l-esponenti isostni li huwa m'għandu jaghti ebda somma lir-rikorrenti u huwa ir-rikorrenti li huwa debitur tiegħu.

2. Illi għalhekk huwa l-lok li din l-Onorabbli Qorti tordna s-soprasessjoni ta' din il-kawża sakemm jiġi deċiż b'mod definittiv dik is-somma li hija dovuta lill-esponenti mir-rikorrenti.

Illi l-esponenti jissottomettu li din it-talba għas-soprrasessjoni minn din l-Onorabbli Qorti hija:

a. Spedjenti li tagħmel hekk;
b. Hemm lok għas-soluzzjoni tad-debitu verament dovut mir-rikorrenti lill-esponenti u dana jista' jsir biss fir-rikors ġuramentat imsemmi numru 833/2023;
c. Illi b'din it-talba għas-soprasessjoni r-rikorrenti odjern mhux ser ibagħti preġudizzju; u

d. Illi din it-talba għas-soprasessjoni hija meħtieġa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti isostni li t-talbiet attriċi huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-esponenti qatt ma rċieva l-istatements of account annessi ma' din il-kawża u wisq anqas l-invoices li allegament jiffurmaw il-kontenut tagħhom.

4. Illi hekk kif ser jiġi ppruvat fil-kawża, l-esponenti dejjem ħallas l-invoices tar-rikorrenti fi żmien massimu ta' tlett ijiem wara li jkunu nħarġu mir-rikorrenti u għalhekk isostni li dawk l-invoices huma bla bażi.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes.

wara li rat li t-tieni eċċezzjoni ppreżentata mill-intimat tikkonsisti f'talba sabiex il-Qorti tissoprassjedi sakemm tiġi deċiża b'mod finali kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Rik Ġur Nru 833/2023) fl-ismijiet "*Alfred Zammit eżerċenti fil-kummerċ taħt l-isem AM Renovations v. Carmelo Dimech u Nicholas Calleja*",

wara li rat in-noti ppreżentati f'dan ir-rigward:

- għan-nom tar-rikorrent mill-Avukat Dr. Ian Vella Galea, Avukat Dr. Michele Cardinali u Avukat Dr. Anthony Sammut[3],

- għan-nom tal-intimat mill-Avukat Dr. Keith Bonnici[4]

qed tagħti dan id-

## Digriet

1. Mill-provi dokumentarji mressqa jirriżulta illi:

   i. Fit-**<u>28 ta' Lulju 2023</u>** l-intimat Alfred Zammit fetaħ kawża kontra r-rikorrent Carmel Dimech u ċertu Nicholas Calleja fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili b'talba sabiex dawn jiġu kkundannati *in solidum* li jħallsuh is-somma ta' **<u>€ 22,475.60</u>** liema somma tirrappreżenta **bilanċ dovut fuq il-bejgħ ta' lift u xogħolijiet ta' installazzjoni**. Tali xogħolijiet kienu jikkonsistu f'modifiki fil-kabina tal-*lift* sabiex toqgħod fis-*shaft*, liema *shaft* skond l-intimat (ir-rikorrent f'dik il-kawża) kellu l-qisien iżgħar minn dawn li tawh ir-rikorrenti qabel ma saret l-ordni tal-*lift*.

---

[3] Fol 18-38
[4] Fol 39-47

ii. Fir-risposta maħlufa tagħhom ippreżentata **<u>fis-6 ta' Novembru 2023</u>** ir-rikorrent Carmel Dimech kif ukoll Nicholas Calleja *inter alia* eċċepew illi l-ammont ma kienx dovut għaliex il-*lift* li ġie installat kien iżgħar minn dak ordnat u dan bi ħtija tal-intimat li kien hu responsabbli *qua installer* li jieħu l-qisien tas-*shaft*.

iii. Ir-rikorrent Carmel Dimech kif ukoll Nicholas Calleja intavolaw ukoll kontrotalba f'dawk il-proċeduri li permezz tagħha talbu *inter alia* li l-Qorti tiddetermina bl-assistenza ta' periti nominandi illi l-valur tal-lift installat kien inqas mill-prezz tiegħu u f'każ illi l-prezz aġġornat ikun aktar mill-flejjes ġia mħallsa minnhom, tikkundanna lill-intimat iħallashom lura r-rifużjoni ta' flejjes żejda li jkunu għamlu.

iv. Fil-**<u>21 ta' Awwissu 2023</u>**, ċioe ftit ġimgħat wara li infetħu l-proċeduri fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (iżda qabel ma r-rikorrent Carmel Dimech u Nicholas Calleja ippreżentaw risposta u kontrotalba f'dawk l-atti), wieħed mill-intimati f'dik il-kawża ossia Carmel Dimech fetaħ kawża quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors li permezz tiegħu talab li l-intimat Alfred Zammit (ir-rikorrent f'dik il-kawża iżda l-intimat fil-kawża *de quo*) iħallsu s-somma ta' **<u>€ 5,461.80</u>** rappreżentanti **bilanċ dovut għal materjal supplit u servizzi reżi (inkluż ħażna ta' merkanzija u użu ta' makkinarju) lilu.** Mill-ittra uffiċjali annessa mar-rikors jirriżulta illi r-rikorrent Carmel Dimech wasal għal dan l-ammont ta' € 5,461.80 kif ġej:

- Oriġinalment skond il-prospetti a fol 3 u 4 l-ammont fatturat u dovut lir-rikorrent Carmel Dimech għall-materjal supplit u servizzi reżi kien dak ta' € 11,133.90. Però skond ir-rikorrent Carmel Dimech kien intlaħaq ftehim bejnu u bejn l-intimat Alfred Zammit sabiex nofs l-ammont dovut lil tal-aħħar għall-lift mibjugħ minnu jiġi paċut mas-somma dovuta ta' € 11,133.90.

- Ir-rikorrent jgħid fl-istess ittra uffiċjali li peress illi l-ammont mitlub mill-intimat għall-*lift* irriżulta esaġerat, dan l-ammont ġie kuntestat għajr għal € 16,986.10.

- Ir-rikorrent jgħid fl-istess ittra uffiċjali li mill-ammont mhux kuntestat ta' € 16,986.10 huwa ħallas (inkluż permezz ta' tpaċijiet

oħra!) is-somma ta'  € 11,314 biex b'hekk jifdal is-somma ta' € 5,672.10 x'jagħti lill-intimat versu l-prezz tal-lift.

- Għalhekk skond ir-rikorrent għandu jieħu l-ammont ta' **€ 11,133.90 - € 5,672.10 = € 5,461.80**.

v. Fid-**29 ta' Settembru 2023,** l-intimat Alfred Zammit ippreżenta risposta fejn b'mod preliminari talab lil din il-Qorti tissoprasjedi sakemm tiġi deċiża b'mod definittiv il-kawża quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, apparti li tenna ukoll illi huwa m'għandu jagħti xejn lir-rikorrent peress illi dejjem ħallsu kollox u qatt ma rċieva l-fatturi mertu tal-kawża.

2. L-eċċezzjoni li titlob it-twaqqif ta' smigħ tal-kawża sakemm tinqata' oħra li tkun marbuta magħha għad illi m'hijiex regolata mill-liġi fil-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija msejsa fuq dak li jipprovdi l-artikolu 793 tal-istess kap, liema artikolu jitkellem dwar **smigħ fl-istess waqt** taż-żewġ kawżi li jkun hemm dik ir-rabta bejniethom, fis-sens li l-kawża mressqa t-tieni fuq suġġett marbut ma' kawża mressqa qabilha tinstema flimkien ma' dik imressqa l-ewwel, taħt il-prinċipju tal-*ius preventionis*. Tali konnessjoni bejn żewġ kawżi tista' ssir meta it-tnejn jkunu ġew preżentati quddiem l-istess Qorti, għad li diversement presjeduta. Mill-banda l-oħra mhuwiex dejjem possibbli li s-smiegħ kontestwalment jista' jsir. Is-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smiegħ fl-istess waqt ma' jkunx possibbli li jsir.

3. Billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstema sakemm tiġi maqtugħa, is-soprasessjoni trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir.

4. Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo u Pauline konjugi Calamatta v. Mario u Mary Anne sive Miriam konjugi Darmenia et.** (App Ċiv Nru. 1108/1999/1 PS, 12 ta' Novembru 2003) il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qalet illi:

> "Hi gurisprudenza sekolari illi s-soprasessjoni hi ammessa u ghandha tigi dekretata meta din tkun spedjenti ("George Cassar –vs- Francis Xuereb", Appell Civili, 12 ta' Marzu 1973). Spedjenti fis-sens fejn il-kwestjoni involuta fil-kawza pendenti quddiem Qorti ohra (fil-kaz prezenti, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili) hija tali li ddecizjoni tista' tinfluwixxi "a planta pedis" fuq il-meritu tal-azzjoni prezenti ("Francesco Galea –vs- Pawlu Galea", Appell, Sede Inferjuri, 23 ta' April 1955)...

> ... Minn dan johrog car illi "s-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill-ezitu ta' kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu lpotenzjalita` ta' din id-dipendenza" – "Joseph Degaetano nomine –vs- Avukat Louis Galea et noe", Appell Civili, 5 ta' Ottubru 1981.
>
> Il-provvediment tas-soprasessjoni huwa allura ndikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta sa dik is-soluzzjoni. Ara f'dan is-sens decizjoni fl-ismijiet "Joseph Azzopardi et –vs- Victor Critien pro et nomine", Prim'Awla, Qorti Civili, 12 ta' April 1962.
>
> Tajjeb pero` li jigi kawtelat illi "s-soprasessjoni minhabba eccezzjoni, sabiex l-eccezzjoni tkun dedotta u kombattuta f'gudizzju separat, huwa **rimedju straordinarju**, li ghalih il-Qorti tirrikorri biss meta hu mehtieg flinteress tal-amministrazzjoni tal-gustizzja x'hin tinqala' xi kwestjoni delikata u gdida li d-decizjoni taghha tinfluwixxi sostanzjalment fuq l-ezitu tal-kawza, u fl-istess hin ma tistghax tigi ezaminata fl-istess kawza, jew minhabba nnatura guridika taghha ma jkunx konvenjenti li tiġi ezaminata u deciza hlief f'kawza ohra separata li tkun trid tigi proposta appozitament" – "Giovanna Cardona –vsCarmelo Pisani", Appell Civili, 4 ta' Novembru 1957."

5. Intqal ukoll mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Axel Johnson International AB Noe v. Aluminium Extrusions Ltd** (Ċit Nru. 145/2000/1 GV, 21 ta' Frar 2001) is-segwenti:

> "Gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna li l-Qorti ghandha tilqa talba ghas-soprasessjoni biss: a) meta hu spedjenti li taghmel hekk; b) meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li tiddependi minn kawza ohra; c) Il-Qorti m'ghandhiex tordna is-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati pregudizzju; d) Is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u ghandu jigi applikat biss jekk hu necessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja"

6. Applikati dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' dritt għall-fatti ta' din il-kawża jirriżulta illi s-somma bilanċjali li qed jitlob ir-rikorrent f'din il-kawża jirriżulta minn tpaċija illi skond hu kienet miftehma bejn il-kontendenti, liema tpaċija skond hu kienet bejn **l-ammont ta' € 11,133.90 li għandu jieħu hu mill-intimat għal bejgħ ta' materjal supplit u servizzi reżi (inkluż ħażna ta' merkanzija u użu ta' makkinarju)** kontra **l-ammont ta' € 5,672.10 li għandu jagħti hu lill-intimat għax-xiri u installazzjoni tal-*lift.***

7. Kif ġa ngħad, apparti li l-intimat jgħid fir-risposta tiegħu illi huwa qatt ma rċieva l-fatturi mertu ta' din il-kawża (li jfisser għalhekk illi qed jinnega li qatt kien hemm tpaċija), jidher ċar illi fil-kalkolu tas-somma mitluba f'din il-kawża r-rikorrent strah fuq dak li skond hu għandu jagħti lill-intimat fir-rigward tal-installazzjoni u provvista tal-*lift*. Issa fil-kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili l-Qorti hija mitluba fost affarijiet oħra (i) mill-intimat sabiex ir-rikorrent (u ieħor) jiġu kkundannati iħallsuh € 22,475.60 għall-*lift*, (ii) mir-rikorrent (u ieħor) sabiex dik il-Qorti tistabbilixxi illi l-*lift* għandu valur inqas mill-prezz miftiehem u għalhekk tiddeċiedi jekk għandux addirittura jieħu rifużjoni tal-ammonti mħallsa.

8. Jekk il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tilqa' t-talbiet tal-intimat Alfred Zammit ikun ifisser awtomatikament li l-ammont mitlub f'din il-kawża ma jibqax korrett u jista' saħansitra jiġi estint *in toto*. Jekk l-istess Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent Carmel Dimech (u Nicholas Calleja) u tiddikjara li l-intimat Zammit għandu jieħu inqas f'ammont li jkun differenti minn dak li r-rikorrent jgħid li għandu jagħti, ikun ifisser ukoll awtomatikament li l-ammont mitlub f'din il-kawża ma jibqax korrett.

9. Il-Qorti għalhekk tqis li mhux biss huwa spedjenti iżda addirittura huwa **<u>neċessarju</u>** li tistenna l-eżitu tal-kawża l-oħra stante illi dak li ser tiddeċiedi dik il-Qorti sejjer b'mod jew ieħor jaffettwa l-ammont mitlub f'din il-kawża. Żgur m'huwiex il-każ illi r-rikorrent ser isofri xi preġudizzju b'din is-soprasessjoni u anzi l-Qorti tasal biex tgħid illi hemm iżjed ċans li jsofri preġudizzju jekk il-Qorti ma takkordax din it-talba.

**Deċiżjoni**

10. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda f'dan l-istadju tilqa' t-talba magħmula mill-intimat *per via di eccezione* għas-soprasessjoni fil-kawza preżenti sakemm tiġi definita b'mod irrevokabbli l-kawża pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet *Alfred Zammit eżerċenti fil-kummerċ taħt l-isem AM Renovations v. Carmelo Dimech u Nicholas Calleja (Rik Nru 833/2023 GG)***

    **Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur